# Noti Bijografiċi fuq il-Kanonku Fortunato Panzavecchia u Rakkont Tiegħu bil-Malti

David Agius Muscat

## Min kien Fortunato Panzavecchia

Fortunato Panzavecchia twieled fid-19 ta' Awwissu, 1797.[1] Fl-1812 sar kanonku tal-Kolleġġjata ta' l-Isla.[2] Fl-istess żminijiet beda jistudja l-Università ta' Malta u fl-1818 iggradwa avukat.[3] Fl-1821 ġie ordnat qassis. Kien iġib wara ismu J.U.D.[4] għax kien avukat ċivili u ekkleżjastiku.

Panzavecchia kellu bosta karigi. Mill-1824 sa l-1833 kien is-segretarju tal-Kunsill ta' l-Università.[5] Fl-1834 fetaħ Skola Normali fit-Tlitt Ibliet[6] u baqa' jmexxiha sa l-1845.[7] Fl-1844 laħaq Direttur ta' l-Iskejjel Primarji tal-Gvern[8] u baqa' jżomm il-kariga sakemm irriżenja fl-1848.[9] Fl-1845 inħatar membru tal-Kunsill ta' l-Università.[10]

---

1 API, Lib. Bapt., VIII (1797-1811) 17.
2 AAF, *Canonici della Senglea, III* (1786-1826) f. 284$^r$. Hajr lill-Kanonku Joseph Bonello li għaddieli din it-tagħrifa.
3 AUM, *Acta Academiae Melitensis,* II (1800-1832) 67.
4 Joe Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali,* 1800-2000 (Malta: Veritas, 2001) 11.
5 AUM, *University Council Minutes 2* (1824-1839) 1-109.
6 *Malta Government Gazette* 2.vii.1834: 218.
7 AKM, Pan 100, f. 396$^r$.
8 ANM, CSG 04/19, 88-89.
9 *Il Portafoglio Maltese* 27.vii.1848: 4587.
10 ANM, CSG 04/19, 145.

Barra li kien membru ta' bosta għaqdiet, fosthom is-*Società Economico Agraria* (1834)[11] u s-*Società Medica d'Incoraggiamento* (1838),[12] Panzavecchia kien ukoll kittieb prolifiku. L-ewwel ktieb li ħareġ huwa *L'Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo dell'Ordine Gerosolimitano ovvero Frammento dell'Istoria di Malta che comprende la serie degli avvenimenti più interessanti di questa Isola, dagli ultimi anni del Magistero di Fra Emanuele Pinto de Fonçeca fino all'invasione dell'Isola dalle Armi Repubblicane, scritto nell'anno 1825* (1835).

Fl-1837 ħareġ l-ewwel faxxiklu ta' żewġ repertorji tal-liġi Maltija. Sena wara editja l-ewwel gazzetta Maltija, *Lo Spettatore Imparziale* (1838), li kienet iġġib il-ġrajjiet kurrenti ta' Malta u ta' barra.

Fis-snin li kien direttur ta' l-iskejjel primarji Panzavecchia ħareġ għadd ta' kotba maħsubin għall-istudenti ż-żgħar, fosthom uħud miktubin bil-Malti, bħal *Breve Storia di Malta dai tempi più remoti fino all'amministrazione del Governatore Sir Patrick Stuart scritta in Maltese colla traduzione Italiana* (1847) u *Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-Istorja tal-Lhud fi Żmienu, imqassrin u mit-Taljan magħmulin bil-Malti kelma b'kelma, għall-iskejjel* (1847). Barra l-kotba stampati Panzavecchia kien ħejja bosta kitbiet fuq għadd ta' suġġetti differenti li jixhdu l-medda wiesgħa ta' l-interessi tiegħu – fosthom id-*Dizionario Enciclopedico*, ħażna ta' tagħrif ġenerali, li baqa' manuskritt.

Panzavecchia ta sehem kbir fil-qasam ta' l-ilsien Malti. Fl-1845 xandar il-*Grammatica della Lingua Maltese spiegata secondo i principj delle lingue Orientali e della lingua Italiana* (1845). Ħadem ukoll fuq żewġ dizzjunarji tal-Malti, *Dizionario Etimologico Maltese ed Italiano, Arabo, Ebraico, Latino, Inglese, Francese, Greco, con una breve prefazione storica sulle varie vicende, e sul necessario incoraggimento degli studj della lingua Maltese* (1850) u *Dizionario Frasiologico Italiano e Maltese, arricchito di proverbi e termini tecnici con un breve proemio sull'uso della lingua Italiana in Malta, e sull'urgenza dell'idioma Maltese all'italianismo* (1850) imma ta' dawn laħaq stampa biss l-ewwel faxxiklu. Huwa kiteb bosta poeżiji u priedki bil-Malti u fl-1850 stampa wkoll xi siltiet mill-Ġenesi fil-ktejjeb *Specimen Filologicum ex Capite Primo Geneseos Desumptum sistens analogiam quae intercedit inter Idiomata Semitica et Illud, quo hodie utuntur Melitenses.*

Panzavecchia miet fl-24 ta' Diċembru, 1850.[13]

---

[11] Anon, *Storia della Società Medica d'Incoraggiamento di Malta, I* (Malta: F. Izzo, 1845) xiii. Ħajr lil Olvin Vella li għaddieli din it-tagħrifa.

[12] *Storia della Società Medica.*

[13] API, Lib. Def., VII-VIII (1841-1880) 234.

**Rakkont bil-Malti**

Waqt li kont qed nistudja l-manuskritti ta' Panzavecchia merfugħin fl-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina ġew f'idejja żewġ folji żgħar.[14] Miktub fuqhom sibt rakkont ħelu u qasir bil-Malti. Il-kitba hija ta' Panzavecchia u għalkemm ma tax id-data tagħha, huwa uża l-istess alfabett li kien xandar fil-grammatika tiegħu fl-1845.

Ir-rakkont huwa fuq tifla, bint ġenituri foqra, li kienet seftura ma' koppja Ingliża Kattolika. Il-messaġġ tar-rakkont huwa r-rispett morali u l-promozzjoni ta' l-edukazzjoni. Interessanti ħafna kif Panzavecchia jispeċifika r-reliġjon tal-koppja Ingliża li t-tifla marret taħdem għandhom. Fi żmienu f'Malta kien hawn bosta Ingliżi jħaddnu l-Protestantiżmu u ġieli nibtet tensjoni kbira bejn iż-żewġ komunitajiet reliġjużi.[15] Panzavecchia mhux biss kellu bosta ħbieb Ingliżi imma talli huwa stess kien membru minn tal-bidunett fis-*Società Biblica Maltese,*[16] imwaqqfa mill-Protestanti fl-1817 bil-ħsieb li xxerred il-Kelma t'Alla bi lsien il-poplu.

It-tema tar-rakkont, il-qosor tiegħu u l-lingwa li hu miktub bih jindikaw li Panzavecchia kellu f'moħħu l-istudenti. Jista' jkun li kellu l-ħsieb li jikteb aktar rakkonti bħalu u jippubblikahom fiż-żmien li kien qed jistampa l-kotba għall-iskola. Għal xi raġuni jew oħra dan ir-rakkont baqa' qatt ma ra d-dawl u minħabba li hu wieħed mill-eqdem li għandna fil-Malti se nġibuh hawnhekk għall-ewwel darba.

***Vitorja***[17]

Vitorja kienet tifla fqira bint nies fqar:[18] imma Alla kien għanieha bil-għaqal u bil-biża' mqaddes tiegħu li hu l-isbaħ għana li l-bniedem jista' jkollu. Missierha u wkoll ommha kienu mrobbijin ħażin u ma kinux jafu setgħux irabbuha tajjeb: imma l-għaqal li taha Alla Vitorja għarfet titgħallem tgħix.

Kellha oħt missierha mara tajba, mara tar-ruħ u mara tal-knejjes, u

---

[14] AKM, Pan 52, ff. $80^r$-$81^v$.

[15] Carmel Sant, *Bible Translation and Language: Melita Theologica Supplementary Series, 2* (Malta: Faculty of Theology, U of Malta, 1992) 17-25.

[16] AKM, Pan, 24, f. $408^r$.

[17] It-titlu ma jinsabx fl-oriġinal.

[18] Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "ġejja minn nies foqra" flok "bint nies fqar."

l-kappillan tal-pajjiż[19] kien xwejjaħ ruħ t'Alla. Kollu ħrara u kollu ħerqa biex jara trobbija tajba ta'[20] wlied il-parroċċa[21] tiegħu.

Din zijitha kienet tħobbha għax kienet taraha bil-għaqal: u kull daqqa kienet teħodha l-knisja magħha, tqararha għand il-kappillan. Minn zijitha u mill-kappillan Vitorja ma kinitx tieħu ħlief tagħlimiet tajba u hi kienet issorrhom tajjeb u qatt ma kienet tinsiehom: "Binti kun bil-għaqal għax il-għaqal jiswa wisq," hekk kienet tgħidilha zijitha.

Il-kappillan wara li kien iqararha kien dejjem jagħtiha xi tifkira tajba: u darba waħda Vitorja saqsietu x'inhu l-għaqal. "Il-għaqal binti," qallha l-kappillan, "il-għaqal! U x'ħaġa hi din! Il-għaqal binti hu d-dawl li tana Alla, u li jekk nafu nimxu bih f'did-dinja ngħixu henjin u mbagħad bih nirbħu l-ġenna wkoll."

"Mela l-għaqal hu aħjar mill-ġid u mill-għana?" staqsietu Vitorja.

"Il-ġid u l-għana tad-dinja binti ma hu xejn ma' l-għaqal," qalilha l-kappillan.

Minn dak in-nhar dina l-kelma ta' għaqal ma ħarġitx iżjed minn ras Vitorja u jekk kienet titkellem kienet trid titkellem bil-għaqal u kulma tagħmel kienet trid tagħmlu bil-għaqal.

Zijitha kienet fqajra, u ma kellhiex x'tagħtiha ħlief it-tagħlim it-tajjeb. Ommha u missierha ma kellhomx biex iżewġuha u biex jitimgħuha u fl-aħħar mill-aħħar Vitorja kellha taqa' tagħmel ta' seftura ma' Sinjur u Sinjura Ingliża, it-tnejn Kattoliċi.

Dawn is-Sinjur u s-Sinjura Ingliżi kienu nies tajba. Kienu jħalluha 'l Vitorja kull nhar ta' Sibt tmur tqerr u kull nhar ta' Ħadd tagħmel dak li għandu jagħmel il-Kattoliku tajjeb li jibża' għar-ruħu: u għax kienu jarawha tant twajba u bil-għaqal, x'ħin ma kienx ikollha x'tagħmel kienu jibagħtuha fl-iskejjel primarji titgħallem taqra u tikteb u tħit.

Vitorja fi ftit żmien tgħallmet taqra, u l-qari tagħha kien ta' kotba li minnhom tista' tieħu tagħlimiet tajba. U s-Sinjur u s-Sinjura kienu jitgħaxxqu biha x'ħin kienu jarawha twajba, bieżla, fuq tagħha, u tifla tar-ruħ; u kienu jħobbuha daqs kieku kienet binthom.

F'daż-żmien Alla għoġbu jieħu lis-Sinjura u Vitorja waqfet fil-marda tagħha bħal kieku kienet ommha. Is-Sinjur ħabbha iżjed u iżjed u kif kienet

---

[19] Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "pajjiżha" flok "pajjiż." Hawnhekk "pajjiż" għandha t-tifsira li nsibu fit-Taljan, jiġifieri "raħal."

[20] Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "telgħin tajjeb" flok "trobbija tajba ta'."

[21] Panzavecchia kien qed jikkonsidra jiktibx "parruċċani" flok "parroċċa."

imdorrija miegħu ħallielha kollox f'idejha. Vitorja għarfet iġġib ruħha miegħu bħal tant żmien sakemm issolva jiżżewwiġha.

Dana s-Sinjur kien għani u tajjeb. X'ħin ħadha ġegħilha ġġib magħha 'l ommha, 'il missierha u 'l zijitha, u flimkien għexu kif irid Alla. Hi rabbiet tajjeb l-ulied li taha Alla u l-kappillan kellu x-xorti li jżurha spiss u jaraha trabbi fil-biża' t'Alla l-ulied li Alla bagħtilha.

**Taqsiriet**

AAF Arkivju Arċiveskovili, il-Furjana
AKM Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina
ANM Arkivju Nazzjonali ta' Malta, ir-Rabat
API Arkivju tal-Parroċċa ta' l-Isla
AUM Arkivju ta' l-Università ta' Malta, il-Librerija ta' l-Università, l-Imsida
CSG *Chief Secretary to Government*
Pan Fondo Panzavecchia

*Nirringrazzja minn qalbi lil Olvin Vella u lill-Professur Manwel Mifsud tal-kummenti tagħhom fuq verżjoni bikrija ta' din il-kitba.*